MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2013

Numru 305/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**
**vs**
**Noella Agius**

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 114593 (M) akkuzata talli:

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, kisret l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi b'risoluzzjoni wahda billi:

Nhar il-31 ta' Lulju 2010 u xhur qabel gewwa il-hanut Terranova li jinsab fil-Kumpless Main Street gewwa Pjazza Antoine De Paule Rahal il-Gdid u f'dawn il-Gzejjer, kkomettiet serq ta' hwejjeg u/jew oggetti ohra liema serq huwa ggravat bil-persuna u li sar ghad-detriment ta' Diane Izzo u/jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprjat ruhha billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuni ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe hadet u zammet ghandha flus jew prodotti liema ammont ma jeccedix l-mitejn u tletin Euro u 94 centezmu (232.94 Euro) ghad-dannu tal-kumpanija Terranova u Diane Izzo u/jew persuni ohra, liema oggetti kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju.

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li talab li l-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuza, f'liema ammissjoni baqghet tinsisti anke wara li l-Qorti taghtha hin biex tikkonsidra.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet huma tali li jew treggi wahda jew l-ohra. Mill-istqarrija tal-imputata, imkien kontradetta, hu bil-wisq car li l-imputazzjoni li treggi hija dik tas-serq.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata, ssibha u tiddikjaraha hatja tal-ewwel imputazzjoni u tastjeni li tikkonsidra t-tieni.

Rat l-Artikolu 261 (d), 281 (a) tal-Kapitolu 9.

Stante li r-rifurtiva giet ikkompensata, tiddeciedi li tillibera lill-imputata bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ghal sitt xhur millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabbilta taghha skont is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------